Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1175/2005

tat-18 ta' Lulju 2005

li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor definittivament dazju provviżorju impost fuq l-importazzjoni tal-karbonju tal-barju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(ĠU L 164M, 16.6.2006, p. 249)

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 181, 4.7.2006, p. 111 (1175/2005)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1175/2005

tat-18 ta' Lulju 2005

li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor definittivament dazju provviżorju impost fuq l-importazzjoni tal-karbonju tal-barju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjoni oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta preżentata mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat ta' Konsulenza,

Billi:

A. MIŻURI PROVVIŻORJI

(1) Fit-29 ta' Jannar 2005, il-Kummissjoni, bir-Regolament (KE) Nru 145/2005 tat-28 ta' Jannar 2005 [2] ("ir-Regolament proviżorju"), imponiet dazji *anti-dumping* provviżorji għal importazzjonijiet tal-karbonat tal-barju fil-Komunità, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("min hawn 'il quddiem 'il-PRC").

B. IL-PROĊEDURA SUSSEGWENTI

(2) Sussegwentement għar-rivelazzjoni tal-fatti u kunsiderazzjonijiet essenzjali, abbażi ta' liema kien deċiż li jkunu imposti l-imsemmija miżuri *anti-dumping* provviżorji, għadd ta' partijiet interessati preżentaw sottomissjonijiet bil-miktub bil-fehmiet tagħhom fuq is-sejbiet provviżorji. Ebda parti ma talbet li tkun mismugħa.

(3) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għas-sejbiet definittivi. Visti ta' verifika saru fil-postijiet tal-kumpanniji li ġejjin:

(a) *Importatur mhux relatat:*

— Castle Colours Ltd., UK;

(b) *Utenti mill-Komunità:*

— Terreal S.A., France,

— Torrecid S.A., Spain.

(4) Il-partijiet kienu informati bil-fatti u kunsiderazzjonijiet essenzjali, fuq il-bażi li fuqha kien intenzjonat li tkun rakkomandata l-impożizzjoni tad-dazji definittivi *anti-dumping* fuq importazzjonijiet tal-korbonat tal-barju li joriġina mill-PRC u ġbir definittiv ta' l-ammonti li ġew żgurati permezz tad-dazju proviżorju. Il-partijiet ġew mogħtija wkoll perjodu li fih setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet, wara r-rivelazzjoni tal-fatti u kunsiderazzjonijiet essenzjali.

(5) Il-kummenti orali u miktuba preżentati lill-partijiet interessati kienu kkunsidrati u, fejn adatt, is-sejbiet kienu modifikati skond dawn.

C. PRODOTT KONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

(6) Minħabba li ebda kummenti ġodda ma waslu rigward il-prodott konċernat u l-prodott simili, is-sejbiet fil-premessi (11) u (12) tar-Regolament proviżorju huma konfermati hawnhekk.

---

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

[2] ĠU L 27, 29.1.2005, p. 4.

▼B

D. **DUMPING**

1. **Trattament lill-Ekonomija tas-Suq (“MET”)**

(7) Minħabba li ma kien hemm ebda kummenti, il-kontenut tal-premessi (13) sa (23) tar-Regolament provviżorju li jirrigwardaw l-MET huma hawnhekk ikkonfermati.

2. **Trattament individwali (“IT”)**

(8) Minħabba li ma kien hemm ebda kummenti, il-kontenut tal-premessi (24) sa (29) tar-Regolament provviżorju li jirrigwardaw it-trattament individwali huma hawnhekk konfermati.

3. **Valur normali**

(a) *Id-determinazzjoni tal-valur normali għal prodotturi li qed jikkooperaw mogħtija l-MET.*

(9) Għal produttur esportatur wieħed, fl-iddeterminar ta’ jekk il-bejgħ domestiku kienx fil-kors ordinarju tal-kummerċ u wkoll meta jinbena valur normali għal ċerti tipi ta’ prodotti kkonċernati, spejjeż inkorretti ta’ ffinanzjar kienu użati fl-ikkalkular tal-marġini proviżorji tal-bejgħ taħt il-prezz. Għalhekk, għall-kalkolazzjoni tal-marġini definittiv tal-bejgħ taħt il-prezz, saru l-korrezzjonijiet neċessarji.

(10) Għall-prodotturi esportaturi l-valur tal-bejgħ ta’ l-iskart kien proviżjonalment imnaqqas mill-ispiża tal-produzzjoni. Madankollu, wara li ġiet eżaminata l-informazzjoni adatta, ma kienx hemm ċertezza jekk l-ammont setax jiġi kkunsidrat bħala skart li jista' jitnaqqas. F’dan ir-rigward, u fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, deher li l-“iskart” fil-fatt kellu valuri kummerċjali sinifikanti separat. Barra minn hekk, minħabba li ma nżammux inventarji, ma kienx possibbli li jiġi kkwantifikat sewwa l-ammont li qed jiġi kkunsidrat. Finalment, anke fl-eventwalità li dan l-ammont ikollu jiġi mnaqqas, il-kumpannija tattribwixxi l-ammont sħiħ għall-prodott ikkonċernat billi dan jaffettwa wkoll prodotti oħra li din il-kumpannija tipproduċi. Għalhekk, fl-istadju definittiv it-tnaqqis kien imraġġa’ lura. Għall-istess produttur esportatur il-valur tal-prodotti sekondarji kien aġġustat.

(11) Il-produttur esportatur ikkonċernat ikkuntesta l-metodu segwit u argumenta li l-iskart fil-forma ta’ metall imdewweb (*slag*) u ġir jintrema permezz ta' sinerġiji ma’ impjant qrib b'mod li jnaqqas l-ispejjeż totali. Ta’ min jieħu nota li dan il-produttur qal ukoll fil-kwestjonarju li dan il-bejgħ għandu jkun ikkunsidrat bħala bejgħ ta' “prodott sekondarju”. Rigward dan, ta' min itenni li l-kwantità tal-prodott in kwestjoni mibjugħa ma setgħetx tkun stabbilita waqt l-investigazzjoni. Aktar minn hekk, l-investigazzjoni wriet li l-bejgħ lill-fabbrika fil-qrib kien biss tal-prodott sekondarju H_2S. Rigward dan, kien ikkunsidrat li kienet preżentata informazzjoni kontradittorja li ma setgħetx tiġi kkjarifikata wara rivelazzjoni definittiva. Punt ieħor huwa, li dan il-produttur qal li l-valur tal-prodott sekondarju H_2S li tnaqqas mill-ispiża tal-produzzjoni kellu jkun ogħla. Madankollu, l-evidenza li nġabret waqt l-investigazzjoni wriet li din l-istqarrija kienet esaġerata u għandha tiġi rrifjutata.

(12) Barra l-aġġustamenti li saru, kif stabbilit fil-premessi (9) u (10) ta' dan ir-Regolament, u fl-assenza ta’ aktar kummenti, il-kontenut fi premessi (43) u (59) tar-Regolament provviżorju rigward valuri normali huma hawnhekk ikkonfermati.

(b) *Id-determinazzjoni tal-valur normali għal prodotturi li qed jikkooperaw li ma ġewx mogħtija l-MET.*

(13) Ogranizzazzjoni ta’ l-utenti oġġezzjonat li l-Istati Uniti ta' l-Amerka (“l-Amerka”) tintuża bħala pajjiż analogu fit-tifsira tal-premessa (12) tar-Regolament provviżorju. Din il-parti interessata ma ssostansjatx l-istqarrija tagħha u lanqas ipprovdiet evidenza,

▼B

imma irreferiet b'mod ġenerali għal allegazzjoni ta' nuqqas ta' kompetittività fis-suq Amerikan, minħabba l-miżuri *anti-dumping* li hemm fis-seħħ hemmhekk. Madankollu, ta' min jinnota li l-livell ta' kompetittività fis-suq domestiku ta' l-Amerka kien investigat għad-determinazzjoni proviżorja. Kif imsemmi fil-premessa (37) tar-Regolament proviżorju, instab li fil-fatt kien hemm livell ġust ta' kompetizzjoni fis-suq domestiku Amerikan.

(14) Importatur indipendenti wieħed oġġezzjona għall-użu ta' l-Amerka bħala pajjiż analogu minħabba li l-produttur fl-Amerka, li d-*data* tiegħu kienet użata għad-determinazzjoni tal-valur normali, kellu konnessjoni ma' produttur tal-Komunità. Ta' min jinnota li waqt il-perjodu ta' l-investigazzjoni ("IP"), ma kienet teżisti ebda tali relazzjoni. Aktar minn hekk, dan l-importatur ma preżenta ebda informazzjoni jew evidenza li r-relazzjoni li bdiet biss wara l-IP kellha influwenza fuq l-ispejjeż domestiċi u l-prezzijiet fl-Amerka matul l-IP. L-argument ta' l-importatur indipendenti kellu għalhekk jiġi rrifjutat.

(15) Minħabba r-raġunijiet t'hawn fuq, l-għażla ta' l-Amerka bħala pajjiż analogu hi b'dan ikkonfermata.

4. **Prezz ta' l-esportazzjoni**

(16) Minħabba li ma kien hemm ebda kummenti, il-kontenut tal-premessa (60) tar-Regolament proviżorju dwar id-determinar tal-prezz ta' l-esportazzjoni huwa hawnhekk konfermat.

5. **Tqabbil**

(17) Il-produtturi esportaturi nnutaw li għall-kalkolazzjoni tal-marġini proviżorju tad-*dumping*, il-ġarr bil-baħar u l-ispejjeż ta' l-assigurazzjoni kienu mnaqqsa b'mod ħażin mit-tranżazzjonijiet tal-bejgħ ta' l-oġġetti esportati magħmula fuq bażi ta' merkanzija abbord (FOB) jew prezz u merkanzija (CFR), filwaqt illi l-prezz tal-bejgħ ta' dawn it-tranżazzjonijiet ma inkludiex spejjeż simili. It-tranżazzjonijiet tal-bejgħ ta' l-oġġetti esportati ġew irranġati kif suppost.

(18) Barra minn hekk, instab li wieħed mill-produtturi esportaturi ma rrappurtax kummissjoni mħallsa lin-negozjanti għal bejgħ bl-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lill-Komunità. Il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni kienu għalhekk aġġustati kif suppost.

(19) Barra l-aġġustamenti magħmula fil-premessi, (9), (10) u (18) ta' dan ir-Regolament, u minħabba li m'hemmx aktar kummenti, il-kontenut tal-premessi (61) u (66) tar-Regolament provviżorju f'relazzjoni mal-paragun tal-valuri normali u prezzijiet ta' l-esportazzjoni huma hawnhekk konfermati.

6. **Marġini ta' dumping**

(20) Fid-dawl tal-korrezzjonijiet t'hawn fuq, il-marġini tad-*dumping* finalment determinat, muri bħala persentaġġ tal-prezz tal-fruntiera tal-Komunità CIF, dazju mhux imħallas, huwa:

Hubei Jingshan Chutian Barium Salt Corp. Ltd	3,4 %
►C1 Zaozhuang Yongli Chemical Co. Ltd. ◄	4,6 %
Il-Kumpanniji l-oħra kollha	31,7 %

E. **DANNU**

1. **Industrija tal-Komunità u Konsum tal-Komunità**

(21) Minħabba li ma kien hemm ebda kummenti f'dan il-qasam partikolari, il-kontenut tal-premessi (72) sa (74) tar-Regolament provviżorju huma hawnhekk konfermati.

▼B

2. **Importazzjonijiet mill-pajjiż konċernat**

(22) Wara r-rivelazzjoni proviżorja, produttur esportatur li kkoopera, tenna l-istqarrija tiegħu li l-prezzijiet ogħla mitluba mill-industrija tal-Komunità huma minħabba li l-prodotti tagħha huma aktar reattivi. Din it-talba għal aġġustament fil-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità fir-rigward ta' differenzi fir-reattività ġiet rifjutata fl-istadju proviżorju, kif indikat fil-premessa (80) tar-Regolament proviżorju.

(23) Għalkemm l-istqarrija ma kinitx issostanzjata biżżejjed bis-sottomissjoni ta' informazzjoni ġdida, il-kwistjoni kienet eżaminata aktar fil-fond, minħabba li l-produttur esportatur stqarr li d-differenzi fir-reattività, allegatament huma karatteristika preżenti fil-kategoriji kollha tal-karbonat tal-barju, ma kellhomx jiġu assessjati biss fir-rigward ta' l-aktar kategoriji reattivi mibjugħa mill-industrija tal-Komunità, kif ġara fl-istadju proviżorju.

(24) Minħabba li r-reattività hi proprjetà tal-karbonat tal-barju li mhix murija bħala tali fil-karti ta' speċifikazzjoni tal-produzzjoni tal-produtturi, imma tista' tintlaħaq fuq il-bażi ta' daqs tal-partikula u d-densità tal-prodott ikkonċernat, hi prattika normali fl-oqsma differenti tas-setturi ta' l-utenti finali li jagħmlu testijiet ta' kontroll meta jitwasslilhom il-prodott sabiex jivverifikaw il-proprjetajiet tiegħu. Il-fatt li utenti final f'settur bħalma hija l-industrija tal-briks u l-madum, fejn ir-reattività hi kruċjali, iżidu l-kwantità tal-karbonat tal-barju li normalment ikollhom bżonn għal proċess tagħhom tal-produzzjoni meta jkunu qed jużaw il-prodott impurtat mill-PRC, meta mqabbel ma' dak li jiġi mill-industrija tal-Komunità jindika li l-utenti finali jattribwixxu relattività ogħla lill-karbonat tal-barju prodott mill-industrija tal-Komunità. Barra minn hekk, aktar analiżi tal-prodotti mibjugħa fis-suq tal-Komunità wrew, b'żieda mal-kategoriji l-aktar reattivi li jirrappreżentaw anqas minn 5 % tal-bejgħ tiegħu fil-KE, kif imsemmi fil-premessi (80) tar-Regolament proviżorju, l-industrija tal-Komunità fil-fatt biegħet kategoriji addizzjonali b'reattività konsiderevolment għolja, li jirrapreżentaw madwar 20 % aktar tal-bejgħ totali tiegħu fil-Komunità. Il-bilanċ tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità jingħata kont tagħhom bil-bejgħ ta' kategoriji aktar baxxi ta' reattività. Ġie għalhekk konkluż li, f'dawn iċ-ċirkostanzi u bil-maqlub tal-kontentut ta' premessa (80) tar-Regolament proviżorju, aġġustament għad-differenzi fir-reattività kien ġustifikat.

(25) Għall-iskop ta' analiżi ta' prezzijiet aktar baxxi minn dawk tas-suq, il-prezz tal-bejgħ tal-kategoriji tal-karbonat tal-barju ta' l-industriji tal-Komunità b'reattività għolja kien imnaqqas b'14 %. Dan l-aġġustament kien ibbażat fuq id-differenza fil-prezz bejn kategoriji ta' reattivà ogħla u aktar baxxa mibjugħa mill-industrija tal-Komunità. Il-paragun wera li matul l-IP il-prodott ikkonċernat li joriġina mill-PRC kien mibjugħ fil-Komunità bi prezzijiet li waqqgħu dawk ta' l-industrija tal-Komunità b'20 % sa 26 % meta murija f'persentaġġi ta' dan ta' l-aħħar.

(26) Apparti l-aġġustamenti li saru kif stipulat fil-premessa (25) ta' dan ir-Regolament, u minħabba li ma kienx hemm aktar kummenti, il-kontenut tal-premessi (75) u (81) tar-Regolament proviżorju rigward importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat huma kkonfermati.

3. **Is-Sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità u l-Konklużjoni dwar id-Dannu**

(27) Sottomissjoni ta' esportatur li kkoopera dwar l-indikaturi ekonomiċi analizzati fil-premessi (84) u (94) tar-Regolament proviżorju ma kenitx turi dannu materjali. Madankollu, ebda element ġdid sostanzjali jew evidenza ma kienet preżentata li tqajjem il-ħtieġa ta' riassessjar ta' tali indikaturi u, konsegwentement, bidla fil-konklużjoni milħuqa fl-istadju proviżorju.

▼B

(28) Din l-istqarrija kienet imtennija wara rivelazzjoni definittiva, speċjalment rigward l-evoluzzjoni tal-produzzjoni, utilizzazzjoni tal-kapaċità, sehem tas-suq, stokks u xogħol. Kif diġà ġie mfiehem fi premessi (84) sa (88) tar-Regolament proviżorju, dawn l-indikaturi wrew biċ-ċar evoluzzjoni negattiva, li kkontribwiet sabiex is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tmur għall-agħar. Għalhekk, it-talba ġiet irrifjutata.

(29) Għalhekk, il-kontenut tal-premessi (82) sa (97) tar-Regolament proviżorju rigward is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità u l-konklużjoni dwar id-dannu huwa hawnhekk konfermat.

F. KAŻWALITÀ

1. Effett ta' l-importazzjonijiet iddumpjati

(30) Minħabba li ma kien hemm ebda informazzjoni jew argument sostanzjali ġdid, il-kontenut tal-premessa (100) tar-Regolament proviżorju huwa hawnhekk konfermat.

2. L-effett ta' fatturi oħra

(31) Esportatur li qed jikkoopera tenna li d-dannu seta' ġie kkawżat mill-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra li żdiedu b'mod sinifikanti qabel l-IP, inkluż importazzjonijiet mill-Indja u l-Brażil, b'mod partikolari. Rigward l-Indja, ma tistax tkun meqjusa sors relevanti ta' forniment matul il-perjodu ta' analiżi 2000-2003, minħabba l-kwantitajiet negliġibbli impurtati. Fil-fatt, is-sehem tas-suq ta' l-importazzjoni mill-Indja kien anqas minn 1 % fl-IP u qabel kien prattikament ineżistenti. Rigward il-Brażil, l-importazzjonijiet kienu limitati kemm meta mqabbla ma' l-importazzjonijiet mill-PRC kif ukoll l-importazzjonijiet matul il-perjodu sħiħ ikkunsidrat. Għalhekk, il-konklużjoni hi li dawn l-importazzjonijiet ma kisrux il-katina każwali kif stabbilita fil-premessa (103) tar-Regolament proviżorju.

(32) Esportatur wieħed u numru ta' importaturi u utenti stqarru li l-industrija tal-Komunità gawdiet pożizzjoni dominanti fis-suq tal-Komunità tal-karbonat tal-barju u dan il-fattur ippermetta lill-industrija żżid il-prezzijiet tagħha fil-Komunità. L-esportatur enfasizza l-fatt li l-grupp, li jappartjeni għalih l-uniku produttur tal-Komunità, fil-passat kien investigat dwar abbuż ta' pożizzjoni dominanti.

(33) L-ewwel nett, ta' min jinnota li matul il-perjodu 2000-2003, is-sehem mis-suq ta' l-industrija tal-Komunità kien, bħala medja, madwar 10 punti perċentwali ogħla minn dak tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, filwaqt li matul il-perjodu ta' l-IP kien komparabbli ma' dak ta' l-importazzjoni mill-PRC. Wieħed għalhekk ma jistax jikkonkludi li l-industrija tal-Komunità gawdiet pożizzjoni dominanti matul il-perjodu kkunsidrat, minħabba t-tnaqqis tas-sehem tagħha tas-suq mqabbla ma' l-importazzjonijiet mill-PRC u s-sehem ugwali mis-suq ta' l-importazzjonijiet mill-PRC fl-IP. F'kwalunkwe każ, ebda evidenza ma ġiet provduta minn xi parti interessata sabiex tissostanzja possibbiltà ta' abbuż ta' pożizzjoni dominanti ta' l-industrija tal-Komunità rigward il-prodott simili. Anke f'każijiet fejn il-kumpannija hi l-produttur waħdieni f'suq, dan il-fatt ma jistax jitqies bħala indikazzjoni li t-tali produttur abbuża l-pożizzjoni tiegħu fis-suq billi artifiċjalment żied il-prezzijiet fit-tali suq. Aktar minn hekk, li kieku l-industrija tal-Komunità verament gawdiet pożizzjoni dominanti, aħseb u ara abbużat minnha, ikun diffiċli tifhem kif il-prezzijiet ta' l-Industrija tal-Komunità waqgħu biss b'7 % kif indikat fil-premessa (86) tar-Regolament proviżorju, filwaqt li l-esportaturi Ċiniżi żiedu s-sehem tagħhom mis-suq b'mod tant sostanzjali. Aktar minn hekk, wieħed ma jistax jisħaq li l-produttur tal-Komunità abbuża possibbilment pożizzjoni dominanti biss fuq il-bażi ta' l-eżistenza ta' investigazzjoni li ma tkoprix il-prodott simili, jew

▼B

investigazzjonijiet fil-passat fir-rigward ta' xi kumpanniji tal-grupp li tappartjeni fih. Għalhekk, it-talba ġiet irrifjutata.

(34) Rigward l-informazzjoni li kien hemm fil-premessi (110) u (111) tar-Regolament proviżorju, għadd ta' utenti u importaturi stqarru li l-impożizzjoni ta' miżuri definittivi jippenalizzaw il-fabbrikanti tal-briks u l-madum, li jippreferu jużaw karbonat tal-barju sostnut bl-ilma magħmul mill-karbonat tal-barju impurtat mill-PRC, milli jużaw il-karbonat tal-barju f'forma ta' trab fornut mill-industrija tal-Komunità. Dawn il-partijiet allegaw li l-industrija tal-Komunità ma tbigħx karbonat tal-barju sostnut bl-ilma u rrifjutaw ifornu t-trab tal-karbonat tal-barju lill-importaturi li jipproduċu l-karbonat tal-barju sostnut bl-ilma. Kuntrarju għal din l-istqarrija, ġie kkonfermat li l-industrija tal-Komunità tforni l-karbonat tal-barju għall-anqas lil importatur wieħed li minnu jipproduċi l-karbonat tal-barju sostnut bl-ilma. Għalhekk, fil-fatt hemm sors alternattiv ta' forniment tal-karbonat tal-barju sostnut bl-ilma prodott mill-karbonat tal-barju ta' l-industrija tal-Komunità. Aktar minn hekk, kif dikjarat fil-premessa (43) ta' dan ir-Regolament, l-għan ta' l-impożizzjoni tal-miżuri *anti-dumping* m'humiex qegħdin biex iwaqqfu l-aċċess fis-suq tal-Komunità għal prodotti mill-PRC, imma biex jirrestawraw il-kompetizzjoni ġusta u biex iżommu sorsi alternattivi ta' forniment fil-Komunità.

(35) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq u minħabba li m'hemmx aktar evidenza ta' appoġġ provduta mill-utenti u mill-importaturi biex tissostanzja l-preferenza tagħhom għall-karbonat tal-barju sostnut bl-ilma jew għall-karbonat tal-barju impurtat mill-PRC għall-prodott kompetittiv offrut mill-industrija tal-Komunità, it-talba hi rrifjutata.

3. **Konklużjoni dwar il-kwistjoni**

(36) Fuq il-bażi tal-konsiderazzjoni t'hawn fuq u elementi oħra li hemm fil-premessi (98) sa (111) tar-Regolament proviżorju, ġie konkluż li l-importazzjonijiet mill-PRC ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Komunità skond l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

G. **L-INTERESS TAL-KOMUNITÀ**

(37) Żewġ assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw l-utenti finali, xi importaturi u l-utenti finali tennew it-tħassib prinċipali tagħhom li l-impożizzjoni ta' tali miżuri tnaqqas il-kompetizzjoni ġenerali fis-suq tal-Komunità għal dan il-prodott partikolari u għalhekk twassal inevitabbilment għal żieda fil-prezzijiet li tnaqqas il-livell tal-kompetittività tagħhom. Dawn il-partijiet ma pprovdew ebda evidenza addizzjonali sabiex jissostanzjaw l-istqarrijiet tagħhom.

(38) Barra minn hekk, għoxrin utent li ma kinux għamlu lilhom infushom magħrufa lill-Kummissjoni qabel l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, għamlu petizzjoni kontra l-impożizzjoni tad-dazji definittivi kontra d-*dumping*. Dawn il-partijiet ingħataw l-opportunità biex jissostanzjaw l-istqarrijiet tagħhom, imma fallew milli jagħmlu dan. Minkejja dan, l-argumenti tagħhom kienu eżaminati aktar permezz ta' verifika tad-*data* li kienet diġà preżentata qabel l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji minn wieħed mill-importaturi li kkooperaw u żewġ utenti li kkooperaw.

(39) Fil-fatt, wara visti ta' verifika addizzjonali lill-kumpanniji li joperaw fl-industrija taċ-ċeramika (*frits*) u oħra li topera fl-industrija tal-briks u l-madum (żewġ kumpanniji li flimkien jirrappreżentaw 20 % ta' l-importazzjonijiet tal-karbonat tal-barju mill-PRC kif irrappurtat mill-utenti li qed jikkooperaw), kien ikkonfermat, kif imsemmi fil-premessa (127) tar-Regolament proviżorju, li s-sehem tal-karbonat tal-barju fl-ispiża totali tal-produzzjoni ta' l-utenti hi, bħala medja, taħt it-8 %.

(40) L-istess bħas-sejbiet fil-premessa (128) tar-Regolament proviżorju, ġie għalhekk konkluż li, minħabba l-livell tal-miżuri, u l-

▼B

eżistenza tas-sorsi alternattivi ta' forniment mill-esportaturi li m'humiex soġġetti għad-dazji, l-impatt ta' kull żieda fil-prezz tal-prodott simili għall-utenti jidher li hu minimu.

(41) B'żieda mar-rivelazzjoni definittiva, żewġ assoċjazzjonijiet ta' utenti u waħda ta' produttur esportatur stqarret li l-impatt possibbli tal-miżuri definittivi fuq l-utenti jkun ogħla minn dak imsemmi fil-premessi (39) sa (40) ta' dan ir-Regolament. Rigward dan, ta' min jinnota li s-sejbiet hawnekk huma bbażati fuq *data* vverifikata ta' l-utenti li qed jikkooperaw. L-istqarrijiet imsemmija irreferew għal informazzjoni dwar kumpanniji li ma kkooperawx fl-investigazzjoni u li ma setgħetx tkun verifikata. L-istqarrija kienet għalhekk irrifjutata.

(42) Il-produttur esportatur imsemmi hawn fuq saħaq li numru limitat ta' utenti biss, mhux rappreżentant tas-suq sħiħ, servew bħala bażi għas-sejbiet. Rigward dan, ta' min jinnota li l-utenti vverifikati kemm fl-istadju proviżorju kif ukoll dak definittiv irrappreżentaw aktar minn 90 % ta' l-importazzjoni tal-karbonat tal-barju mill-PRC magħmula mill-utenti li kkooperaw matul il-perjodu ta' l-IP. Għalhekk, il-validità tas-sejbiet hi kkunsidrata adatta u t-talba hi rrifjutata.

(43) Ta' min ifakkar aktar minn hekk li l-iskop ta' kull miżura *anti-dumping* m'għandhiex l-iskop li twaqqaf l-aċċess fis-suq tal-Komunità l-prodotti mill-PRC, imma biex toħloq mill-ġdid suq ġust li kien ġie mxekkel minn prattiċi inġusti ta' kummerċ. Għalhekk, il-miżuri jagħmluha possibbli li titkompla l-attività tal-produttur waħdieni tal-Komunità, u jippromwovu l-kompetizzjoni ġenerali fis-suq tal-Komunità.

(44) Minħabba li ma kien hemm ebda informazzjoni jew argument fundamentali ġodda f'dan ir-rigward partikolari, il-kontenut tal-premessi (114) sa (132) tar-Regolament proviżorju huwa hawnhekk konfermat.

H. **LIVELL TA' L-ELIMINAZZJONI TAD-DANNU**

(45) B'żieda mar-rivelazzjoni tas-sejbiet proviżorji, esportatur qal li l-livell ta' profitt ta' 7.2 % meqjus li jirrappreżenta l-profitt li seta' sar mill-industrija tal-Komunità fl-assenza ta' *dumping* li ħoloq dannu mill-PRC, mhux realistiku, minħabba, l-pożizzjoni dominanti allegata tal-produttur waħdieni tal-Komunità, il-profitabbiltà tiegħu fil-passat kienet għolja b'mod artifiċjali.

(46) Kif diġà msemmi fil-premessa (33) ta' dan ir-Regolament, il-fatt li, matul ċertu perjodu ta' żmien, hemm biss produttur wieħed tal-Komunità, ma jimplikax li dan il-produttur kellu pożizzjoni dominanti fis-suq u li abbuża mis-sitwazzjoni, per eżempju, billi għamel użu mill-pożizzjoni tiegħu sabiex jikseb marġini anormali għoli ta' profitt mill-attività tiegħu. Kif spjegat fil-premessa (135) tar-Regolament proviżorju, il-marġini ta' profitt ta' 7.2 % kien ikkalkolat bħala l-marġini ta' profitt medju mmoderat tal-prodott simili matul is-snin 1996 sa 1998. Ġie kkunsidrat ukoll li l-livelli ta' profitt ta' l-industrija tal-Komunità meta ma kinitx qed tbati minn dannu ta' *dumping*, i.e. qabel il-perjodu ta' analiżi għall-assessjar tad-dannu. Minħabba li l-esportatur in kwestjoni ma pprovdiex evidenza li turi li l-profitt imsemmi hawn fuq għandu jiġi kkunsidrat bħala għoli b'mod anormali, it-talba ġiet irrifjutata u l-kontenut tal-premessa (135) rigward il-kalkolu tal-marġini tad-dannu huwa hawnhekk konfermat.

I. **MIŻURI DEFINITTIVI**

(47) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa rigward *dumping*, dannu, ikkawżar u interess tal-Komunità, u skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, dazji definitivi anti-*dumping* għandhom jiġu imponuti fuq importazzjonijiet li joriġinaw mill-PRC fil-livell tal-marġini aktar baxxi ta' *dumping* u dannu, skond ir-regola ta' anqas dazju. F'dan il-każ, ir-rati individwali tad-dazju, kif ukoll

▼B

id-dazju madwar il-pajjiż, għandhom jiġu ffissati fil-livell tal-marġini misjuba tad-*dumping*.

Fuq il-bażi ta' dan t'hawn fuq, id-dazji definittivi huma kif ġej:

Hubei Jingshan Chutian Barium Salt Corp. Ltd	3,4 %
►C1 Zaozhuang Yongli Chemical Co. Ltd. ◄	4,6 %
L-oħrajn kollha	31,7 %

(48) Rigward il-forma tal-miżuri, ma waslu ebda kummenti u għal-hekk l-impożizzjoni tad-dazju fil-forma ta' ammont speċifiku għal kull tunnellata, kif hemm fi premessa (138) tar-Regolament proviżorju, huwa kkonfermat.

J. **IMPENJI**

(49) Wara r-rivelazzjoni tas-sejbiet definittivi, żewġ produtturi esportaturi wrew interess li joffru impenn fil-prezzijiet. Madankollu, għal wieħed li ma kienx mogħti la l-MET u lanqas l-IT, hija prattika tal-Komunità li ma taċċetax impenji f'każ simili, minħabba li ebda determinazzjoni individwali ma tista' tkun stabbilita. Fuq din il-bażi, l-offerta ma setgħetx tiġi meħuda in konsiderazzjoni. Il-produttur esportatur l-ieħor li rċieva trattament ta' l-ekonomija tas-suq, irtira l-offerta tiegħu sussegwentement.

K. **ĠBIR DEFINITTIV TAD-DAZJU PROVIŻORJU**

(50) Fid-dawl tal-kobor tal-marġini tal-bejgħ taħt il-prezz misjub għall-produtturi esportaturi fil-PRC u minħabba l-livell ta' dannu kkawżat lill-industrija tal-Komunità, huwa meqjus neċessarju li l-ammonti żgurati permezz tad-dazju proviżorju kontra d-*dumping* impost mir-Regolament proviżorju għandu jkun miġbur definittivament sa l-ammont tad-dazji definittivi imposti. Minħabba li d-dazji definittivi huma aktar baxxi mid-dazji proviżorji, ammonti proviżorji żgurati b'aktar mir-rata definittiva tad-dazji kontra d-*dumping* għandhom jinħelsu.

(51) Ir-rati tad-dazji kontra d-*dumping* tal-kumpannija individwali speċifikati f'dan ir-Regolament kienu stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' l-investigazzjoni preżenti. Għalhekk, huma jirriflettu s-sitwazzjoni misjuba matul l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpanniji. Dawn ir-rati tad-dazju (kontra d-dazju applikabbli madwar il-pajjiż lill-"oħrajn kollha" huma għalhekk esklussivament applikabbli għall-importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiż ikkonċernat u prodotti mill-kumpanniji u għal-hekk mill-entitajiet speċifiċi legali msemmija. Prodotti importati magħmula minn kull kumpannija oħra li mhux imsemmija speċifikament fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament b'isimha u l-indirizz, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu suġġetti għar-rati ta' dazju applikabbli għall-"oħrajn kollha".

(52) Kull talba għall-applikazzjoni ta' rati ta' dazju *anti-dumping* bħal ta' dawn il-kumpanniji individwali (eż. wara bidla fl-isem ta' l-entità jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ta' produzzjoni jew bejgħ ġodda) għandhom ikunu indirizzati lill-Kummissjoni flimkien ma' l-informazzjoni kollha relevanti, b'mod partikolari, kull modifika għall-attivitajiet tal-kumpannija assoċjata mal-produzzjoni, bejgħ domestiku u bejgħ bl-esportazzjoni assoċjat ma' pereżempju dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet ta' produzzjoni u bejgħ. Jekk adatt, ir-Regolament jiġi emendat kif xieraq billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpanniji li jibbenefikaw minn dazji individwali.

(53) Il-"prodott ikkonċernat" huwa funġibbli, kif ġie spjegat hawn fuq, u m'għandux isem tad-ditta. Id-differenza bejn ir-rati ta' dazji individwali hi sinifikanti u hemm numru ta' produtturi esportaturi.

▼B

Dawn l-elementi kollha jistgħu jiffaċilitaw tentattivi sabiex l-esportazzjoni terġa' tgħaddi mingħand l-esportaturi tradizzjonali li jibbenefikaw mir-rati ta' dazji l-aktar baxxi.

(54) Konsegwentement, jekk l-esportazzjonijiet ta' waħda mill-kumpanniji li qed jibbenefikaw mir-rati ta' dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'aktar minn 30 % fil-volum, il-miżuri individwali kkonċernati jistgħu jiġu kkunsidrati li huma x'aktarx insuffiċjenti biex ippattu għad-dannu li jagħmel id-*dumping*. Konsegwentemnt, u sakemm l-elementi meħtieġa jintlaħqu, tista' tinbeda investigazzjoni sabiex il-miżuri adatti jiġu korretti fil-forma jew il-livell tagħhom.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazji anti-*dumping* definittivi huma hawnhekk imposti fuq — importazzjonijiet tal-karbonat tal-barju b'kontenut ta' stronzju ta' aktar minn 0.07 % bil-piż u ta' kontenut ta' kubrit ta' aktar minn 0.0015 % bil-piż, kemm jekk trab, jekk jekk pressat b'mod imrammel jew ridott fi trab b'mod imrammel, li jaqa' taħt il-kodiċi CV ex 2836 60 00 (Kodiċi TARIC 2836 60 00 10), li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. L-ammont tad-dazju definittiv *anti-dumping* għandu jkun ugwali għal ammont fiss kif speċifikat hawn taħt għal prodotti magħmula minn dawn il-fabbrikanti:

Pajjiż	Fabbrikant	Rata tad-Dazju (EUR/t)	kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Hubei Jingshan Chutian Barium Salt Corp. Ltd., 62, Qinglong Road, Songhe Town, Jingshan County, Hubei Province, PRC	6,3	A606
	►C1 Zaozhuang Yongli Chemical Co. Ltd. ◄, South Zhuzibukuang Qichun, Zaozhuang City Center District, Shangdong Province, PRC	8,1	A607
	Il-Kumpanniji l-oħra kollha	56,4	A999

3. F'każijiet fejn merkanzija saritila xi ħsara qabel daħlet fiċ-ċirkolazzjoni libera u, għalhekk, il-prezz li ġie mħallas jew kellu jitħallas huwa pproporzjonat għad-determinazzjoni tal-valur tad-dwani skond l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2545/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2319/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ([1]), l-ammont ta' dazju kontra d-*dumping*, ikkalkolat fuq il-bażi ta' ammonti fissi stabbiliti hawn fuq, għandu jitnaqqas b'persentaġġ li jikkorrispondi għall-proporzjonar ta' prezz li tħallas jew għandu jitħallas.

4. Sakemm ma jiġix speċifikat b'mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jirrigwardaw id-dazji tad-dwana għandhom japplikaw.

Artikolu 2

Ammonti żgurati permezz tad-dazji anti-*dumping* provviżorji skond ir-Regolament (KE) Nru 145/2005 dwar importazzjonijiet tal-karbonat tal-barju li jaqgħu taħt il-kodiċi CN ex 2836 60 00 u li joriġinaw mir-

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 883/2005 (ĠU L 148, 11.6.2005, p. 5).

▼B

Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, għandhom jinġabru definittivament skond ir-regoli li ġejjin.

(a) l-ammonti żgurati b'żieda ma' l-ammont tad-dazji anti-*dumping* definittivi għandhom jiġu rilaxxati.

(b) fejn id-dazji definittivi huma ogħla mid-dazji provviżorji, għandu jinġabar b'mod definittiv biss l-ammonti żgurati fil-livell provviżorju tad-dazji.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidhol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Gurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.